MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 628/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Emanuel Barbara**

**Kumpilazzjoni Nru: 628/2014**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Barbara, ta’ 61 sena, bin Anthony u Giorgia nee’ Farrugia, imwieled Marsa fil-25 ta’ Dicembru, 1952, joqghod fi Blokk 4, Flat 5, Triq Betta, Hal-Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 72753(M).

Akkuzat talli fix-xahar ta’ Mejju, 2014 u zminijiet qabel f’Hal-Tarxien u/jew f’dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fil-iskritttura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f’Hal Tarxien u/jew f’dawn il-gzejjer saq vetturi tal-ghamla Ford Sierra numru tar-registrazzjoni ONE529 u Hyundai Excel numru ta’ registrazzjoni AAC657 minghajr licenzja, b’licenzji mibdula, mhassra jew sfigurati, u minghajr polza tal-assigurazzjoni ghal riskji ta’ terzi persuni.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hassar jew sfigura certifikat ta’ registrazzjoni ta’ vetturi jew il-licenzja ta’ vetturi bil-mutur cioe’ tal-vetturi Ford Sierra numru ta’ registrazzjoni ONE529 u Hyundai Excel numru ta’ registrazzjoni AAC657 u biddel jew hassar dettalji li jkunu mdahhla fihom.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'kitba, tpingija jew b'mod iehor biddel, hassar, sfigura, jew zied xi haga f'licenzji tal-vetturi bil-mutur u cioe' tal-vetturi Ford Sierra numru tar-registrazzjoni ONE529 u Hyundai Excel numru ta' registrazzjoni AAC657 jew qieghed fuq l-imsemmija vetturi diska ta' licenzja li tkun giet mibdula, tkun thassret jew giet sfigurata jew li tkun giet mizjuda xi haga fiha.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi fit-Triq Betta Hal-Tarxien zamm u uza vetturi tal-ghamla Ford Sierra numru ta' registrazzjoni ONE 529 u Hydunai Excel numru tar-registrazzjoni AAC657 minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' u mgedda kull sena.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi naqas milli jgedded il-licenzji tal-vetturi Ford Sierra numru ta' registrazzjoni ONE529 u Hyundai Excel numru ta' registrazzjoni AAC657 ghas-snin kurrenti.

Rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kaipolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 14(4), 44(1) u 44(3) ta'l-Avviz Legali 198 tas-sena 2009.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkundsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fedina prattikament netta ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 14(4), 44(1) u 44(3) ta'l-Avviz Legali 198 tas-sena 2009, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' hamsin Euro (€50) b'l-ewwel pagament dovut f'l-1 ta' Novembru 2014, in oltre tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------